# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 207/2012**

**Appell Numru : 214/2012**

**Appell Numru : 221/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Frans Micallef)

Vs

**Carmel Micallef**

iben Anthony, imwieled Pieta' fid-19 ta' Ottubru, 1965, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 505465(M)

**Raymond Calleja**

iben Francis, imwieled Naxxar fit-8 ta' Frar, 1967, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 129872(M)

**Philip Azzopardi**

iben Victor, imwieled Sliema fit-30 ta' Novembru, 1950, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 988050(M)

Illum, 10 ta' Mejju , 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l- appellanti/appellati Carmel Micallef, Raymond Calleja u Philip Azzopardi, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fi Triq il-Katidral, Tas-Sliema, nhar it-12 ta’ April, 2000, ghall-habta tas-1.00pm b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti, ikkagunaw hsara jew hassru, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, u cioe’ kkagunaw hsara fil-fondi numru 23, 24, u 25, Triq il-Katidral, Tas-Sliema (Sec 328(a), (c), u (d));

Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, b’nuqqas ta’ hsieb, traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b’nuqqas tar-regolamenti, ikkagunaw il-mewt ta’ Rita Vella kif ukoll ikkagunaw offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Joseph Vella (Sec 225, 226 (b)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ April, 2012, fejn il-Qorti sabet lil **Carmel Micallef** u **Raymond Calleja** hatja tar-reati lilhom addebitati, anke bi qbil mal-konkluzjonijiet tal-Perit Richard Aquilina, wara li rat l-artikoli 328, 225, 226, 17, 20, 23, 30, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannathom ghal hlas ta' multa ta' €4,000 kull wiehed minnhom.

Ikkundannahom ghall-ispejjez peritali kull wiehed ghas-somma ta’ €283.21 wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-konfront tal-Perit **Philip Azzopardi**, l-Qorti lliberatu mill-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fit-8 ta’ Mejju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza billi:

1) Thassar u tikkancella dik il-parti fejn illiberat lill-appellat Perit Philip Azzopardi;
2) Thassar u tikkancella dik il-parti fejn imponiet il-multa fuq il-ko-appellati Carmel sive Raymond Micallef u Raymond Calleja;
3) Tikkonfermaha f dik il-parti fejn sabet lill-imputati appellati Carmel sive Raymond Micallef u Raymond Calleja hatja ta' l-imputazzjonijiet u

4) Wara isib lill-imputat appellat Perit Philip Azzopardi hati ta' l-imputazzjonijiet u tinfliggi piena idonea u adatta fil-konfront tat-tlett appellati fic-cirkostanzi tal-kaz,

Rat ir-rikors tal-appellant Raymond Calleja pprezentat fit-2 ta’ Mejju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell billi thassar, tirrevoka u tikkancella is-sentenza moghtija mill-ewwel Oorti fid-19 ta' April, 2012 ghar-ragunijiet hawn taht imfissra u tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena, salv dak li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Rat ir-rikors tal-parti leza Carmen Pecorella, Joseph Vella, Paul Vella, Maria Victoria Spano’, Maria Teresa Menabue, Richard Vella u George Vella pprezentat fit-2 ta’ Mejju, 2012, li bih talabu li din il-Qorti joghgobha tenut kont ta' dak li gara li l-piena inflitta ta' multa fl-ammont ta' €4,000 hija wahda assurda, li taghti sodisfazzjon kbir lill-imputati, li litteralment 'helsuha hafif' , filwaqt li toffendi u tiffrustra lill-esponenti ghall-fatt li l-hajja ta' l-ghaziza ommhom Rose Vella nghatat valur daqstant assurd. Dan apparti li l-esponent Joseph Vella seta' tilef hajtu wkoll u kellu x-xorti li jinhareg haj minn taht id-debris u sofra griehi gravi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali u cioe':-

1. il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament zbaljat u irragjonevoli tal-provi li tressqu quddiemha meta liberat lill-Perit Philip Azzopardi.
2. il-Qorti tal-Magistrati erogat piena mtaffija zzejjed fil-konfront tal-ko-imputati l-ohra Calleja u Micallef.

1) Apprezzament zbaljat u irragjonevoli tal-provi li tressqu quddiemha meta liberat lill-Perit Philip Azzopardi

Illi qieghed jigi umilment sottomess li l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti u li fuqha bbazzat il-liberazzjoni tal-ko-imputat appellat il-Perit Philip Azzopardi ma hiex kondiviza mill-esponenti. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti qalet hekk fil-parti dispositiva tas-sentenza taghha:

"Fil-konfront tal-Perit Arkitett Philip Azzopardi, jirrizulta kemm mill-atti ta' l-Inkjesta kif ukoll mix-xhieda li nghatat quddiem din il-Qorti. illi huwa fatt li nsista fuqu l-istess Perit, illi huwa ma kienx gie nfurmat li kien fil-fatt beda x-xoghol tat-thammil fuq il-fond. Jidher li sar jaf b'dan meta tfaccaw il-konsenturi fil-fond numru 25'."

Illi dan ma hux minnu. Il-Perit Arkitett Philip Azzopardi kien jaf li x-xoghol ta' thammil kien beda kif jistqarr hu stess meta xehed quddiem il-Qorti. Qieghda issir referenza ghal dak li qal fix-xiedha tieghu. Illi l-appellat qal:

> 'Xi granet qabel, aktarx is-Sibt ta' qabel l-incident, l-incident kien fit-12 ta' April, fil-11 ta' April cioe' s-Sibt ta' qabel l-incident, kien cempilli l-kuntrattur u qalli isma jien qed inhammel hawn hekk, innehhi l-materjal tat-tqattiegh qalli biex naraw ftit kif ser naghmlu. Ghidtlu iva mela le, ghidli meta nigi imma l-importanti li ma thammigx ghax hemm hekk minhabba li hija turbazz ghidtlu rrid nara kif ser naghmlu minhabba l-pedamenti. Qalli jiena diga qed niccckkja fuq il-pedamenti, qalli jidher li hawn hekk huwa artab il-materjal. Qalli ma nafx kemm nista nzomm iz-zewg piedi u nofs. Ghidtlu le importanti li zzomm iz-zewg piedi u nofs ghax hekk fthiemt mal-Perit Cassar jiena'.[1]

Illi johrog carissimu minn din id-depozizzjoni li l-imputat appellat kien gie infurrnat li x-xoghol ta' thammil kien beda u li kien hemm problemi biex tinzamm id-distanza rikjesta mill-ligi. Illi ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati kienet zbaljata fir-ragunament taghha meta bbazzat il-liberazzjoni fuq il-fatt li l-perit ma kienx infurmat fuq il-gurnata ta' meta beda t-thammil. Mhux tali kien infunnat, talli l-attenzjoni tieghu giet migbuda fuq il-blat artab li kien qed isib il-kuntrattur. Madankollu, jidher li l-unika preokupazzjoni tal-perit appellat kien li dak il-hin jattira l-attenzjoni tal-kuntrattur biex ma jhammigx u mhux biex jiehu dawk il-prekawzjonijiet necessarji li tirrikjedi s-sengha meta jkun qed isir xoghol ta' thammil. Anzi aktar minn hekk, jidher ukoll li minn flok qabad u mar dak il-hin fuq il-post, halla z-zmien

[1] Ara fol 117 tal-process - sottolinejar ta' l-esponenti.

jghaddi bil-konsegwenza li meta mar fuq il-post, ossija gurnata qabel l-incident, sab li l-kuntrattur kien diga nizel seba' filati taht il-livell tat-triq.

Illi dan l-agir juri carissimu li l-appellat Arkitett Philip Azzopardi agixxa u mexa b'negligenza grossolana fis-supervizzjoni ta' dan il-progett. Illi s-sengha u l-arti li tirrikjedi l-ligi f'sitwazzjonijiet simili hija li int tkun pront u tagixxi immedjatament u mhux thalli z-zmien jghaddi meta inti taf li digja kienu saru xi hsarat fil-propjeta' tal-genb fejn qed isir id-demolizzjoni. Pero' f'sitwazzjoni bhal din, l-imputat appellat li kien infurrnat. sahansitra, erbat ijiem qabel l-incident baqa' f'letargu.

Illi dan l-istat ta' nuqqas ta' azzjoni minn naha tal-Perit Arkitett Philip Azzopardi jirrispekja ukoll dak li gara gurnata qabel l-incident meta huwa mar fuq il-post u sab li t-thammil kien wasal sa seba' filati taht il-livell tal-pedamenti tal-fond tal-familja Vella u d-distanza li kellha tinzamm ma inzammietx.

Kien mill-ewwel li nduna li kien hemm il-perikolu u kien ta' l-opinjoni li jinghata l-konkos. Pero' jidher li kellu jikkonsulta mal-engineer Kevin Abela li dakinhar ma setghux jintraccaw. F'din is-sitwazzjoni, l-appellat Arkitett Philip Azzopardi dehrlu li ghax il-kuntrattur kien jaf lill-Perit Abela, halla f'idejh sabiex isolvi l-problema u telaq minn fuq il-post.[1]

Illi ghax tesigi mal-kuntrattur li 'a kwalunkwe kost, anke bil-lejl' kellu jinghata il-konkos, ma hux bizzejjed biex l-appellat jigi svestit mir-responsabilta' tieghu bhala perit inkarigat. F'dik is-sitwazzjoni ta' perikolu, liema perikolu gie riskontrat minnu stess, l-appellat kellu jiehu azzjoni immedjatament. Jekk l-engineer Abela ma setghax jigi rintraccat kellha tigi ngaggata persuna ohra. Kellhom ukoll jittiehdu prekawzjonijiet ohra sakemm il-konkos jigi moghti, bhal tqeghied ta' puntalli sabiex jissaportjaw il-hitan u l-evakwazzjoni tal-girien minn go darhom. F'sitwazzjoni fejn kien hemm il-hajja ta' familja pero' l-appellat iddecieda li jhalli f'idejn il-kuntrattur u jitlaq minn fuq il-post.

Illi dakinhar ta' l-incident, l-appellat kien ukoll infurmat bil-hsarat u perikolu li kien hemm. Johrag carissimu li l-perit appellat gie infurmat kmieni fil-ghodu mill-familja Vella li d-dar taghhom kienet prattikament inqasmet fi tnejn u li x-xoghol ta'tharnmil kien ghadu ghaddej. Nonostante dawn il-fatti jibqa' ma jmurx fuq il-post u ma jiehu l-ebda azzjoni. Dan gie

[1] Ara ix-xhieda ta l-appellat a fol 120 tal-process.

rikonoxxut ukoll mill-ewwel Qorti u hija ghalhekk li l-esponenti ma jistax jikkondividi l-liberazzjoni ta' l-imputat Arkitett Philip Azzopardi. Il-Qorti tal-Magistrati tghid li kienet tal-hsieb 'li issa avzat bil-perikolu, messu. nizel fuq is-sit aktar malajr - detto tutto cio', qieghda pero' tilliberah mill-akkuzi kif migjuba kontra tieghu'. Illi fil-verita hu kien avzat bil-perikolu hafna zmien qabel mill-Perit Cassar, irriskontra dan il-perikolu erbat ijiem qabel l-incident u gurnata qabel l-incident, u dakinhar fil-ghodu meta sehh l-incident rega' gie infurmat mill-familja Vella bil-hsara li kellhom fid-dar taghhom.

Illi f'dan il-kaz l-Arkitett Philip Azzopardi kellu jinstab hati ta' negligenza grossolna.
Illi huwa naqas li jaghmel dmiru skont il-ligi u naqas li jaghmel sorveljanza kif titlob is-sengha u l-arti tax-xoghol tieghu. Illi kif qalet il-Qorti ta' l-Appell Civili:

> 'U ma jistghax ikun hemm dubju li perit li jigi nkarigat mill-kostruzzjoni ta' fond ghandu d-dmir li jassikura ruhu illi l-kostruzzjoni tal-bini lilu fdata, specjalment ghal dak li hi solidi-ta', issir sewwa u skont is-sengha: anzi principalment, skond il-ligi, dan id-dover jaqa' fuqu aktar milli fuq l-bennej: u huwa l-perit dak li jassumi quddiem l-awtorita kompetenti, billi jimla l-formola preskritta, r-responsabilita' tax-xoghol li tieghu jkun ser jiehu d-direzzjoni. Dover ghalhekk, formalment assunt u mpost mill-ligi, tal-perit, hu dak illi huwa juza l-abilita' u d-diligenza mehtiega biex fl-ezekuzzjoni ta' dak il-bini xejn ma jsir li jista' jikkaguna perikolu jew hsara; huwa dmiru li jara li l-benneja li jkunu ser jahdmu tahtu jkunu licenzjati; u anki jekk licenzjati, ghandu jiddirigi huwa nnifsu u jissorvelja x-xoghol, b'mod li ma jhallix isiru operazzjonijiet kontra s-sengha u li jikkrea perikolu. Mhux bizzejjed ghall-perit li jistaqsi lill-bennej x'inhu jaghmel, u joqghod fuq dak li jghidlu l-bennej imma ghandu jaccerta ruhu personalment u direttament x'ikun qed isir u huwa responabbli ghad-danni jekk l-ghemil tieghu juri negligenza; minghajr ma jista' jinvoka favur tieghu nnifsu l-kaz fortuwitu, ghax il-kaz

> fortuwitu ma jezonerax rnir-responsabilita' meta jkun precedut minn dolo jew htija ta' min jinvokah.'[1]

Illi din id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Civili ma setghatx telenka b'mod ahjar ir-responsabilita' u dak li huwa mistenni minn perit li jkun gie nkarigat mill-konstruzzjoni ta' sit. Ghalhekk l-appellat ma jistax jippretendi li:

1. joqghod fuq dak li kien qed jghidlu il-kuntrattur fir-rigward taz-zamma taz-zewg piedi u nofs distanza mill-hitan divizorji;

2. li ma jaccertax ruhu personalment u direttament dak li jkun qed isir:

3. li ma jaghtix direzzjonijiet fuq il-prekawzjonijiet li ghandhom jittiehdu; u

4. li meta jirriskontra perikoli jitlaq minn fuq il-post u jhalli f'idejn il-kuntrattur.

Illi skont din l-istess sentenza lanqas jista' jinvoka d-difiza li l-hajt waqa' minhabba l-ammont ta' xita li ghamlet fil-lejl ta' qabel l-incident kif prova jaghmel l-appellat meta xehed it-tieni darba quddiem il-Qorti. In-negligenza ta' l-appellat tirrisali ghaz-zmien qabel il-lejl ta' qabel l-incident. Anzi l-fatt li ghamlet ix-xita fil-lejl ta' qabel l-incident jew li setghet taghmel ix-xita f'dak l-istess lejl meta l-kuntrattur kien nizel seba' filati taht il-livell tat-triq minghajr ma kien zamm id-distanza, kienu ragunijiet impellenti li l-perit kellu jikkonsidra sabiex jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega. Pero' kemm fil-gurnata ta' qabel kif ukoll dakinhar ta' l-incident l-appellat iddecida li jhalli f'idejn il-kuntrattur sabiex jaghti l-konkos. Illi dan kien agir irresponsabbli ghall-ahhar u ghandu jigi ikkundanat bhala tali. konsegwenza ta' dan 1-agir intilfet hajja ta' persuna u persuna ohra sofriet griehi ta' natura gravi.

Illi l-kazistika tal-Qorti Kriminali minn dejjem poggiet piz serju fuq min ikun naqas milli jagixxi skont il-Ligi u minhabba f'hekk isehhu ncidenti fatali. Hekk per ezempju, "Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 1998 fejn inghad is-segwenti:

---

[1] Marianna Cini pro et ne. versus Paolo Galea et. Pero STO Prof. Dr. AJ. Mamo, Dr. A.J Montanaro Gauci u Dr. W. Harding, datata 27 ta' Ottubru 1958

"Skont l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet, u simili, li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita', minn akkadut dannuz involontarju. Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz, hemm necessarjament l-element ta' attivita' diretta ghal xi fini partikolari li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjonijiet jistghu jigu lezi jew danneggjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karatteristiku tal-kulpa hu l-prevedibbilita' ta' l-event dannuz li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha colpa incosciente a differenza minn dik imsejjha colpa cosciente li hija l-kulpa bl-element fiha tal-prevvist ta' l-akkadut.  Il-kulpa normali (incosciente), dik tal-prevedibbli, temergi meta fil-kondotta ta' l-agent hemm l-elernent tan-negligenza, imprudenza, imperizja, jew nuqqas ta' tharis ta' dritt.  Il-kulpa l-ohra (cosciente) tirrizulta meta quddiem il-kondotta ta' l-agent, l-akkadut dannuz, bhala konsegwenza ghal dik il-kondotta, jidher possibbli, u b'dana kollu, hu xorta jwettaq dak l-agir tieghu bl-isperanza li dak li posibbli li jigri, fil-fatt ta' kulpa iktar gravi mill-kulpa norrnali (incosciente), cioe' dik tal-prevedibbli imma mhux prevvist, u dan ghaliex fil-kaz tal-colpa cosciente, dik tal-previst, hija vicin hafna ta' u tikkonfina mad-doluz, il-volut. Hemm diversi fororn ta' kondotta kolpuza, derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' ligijiet, regolament, ordnijiet u simili.  L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu; L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa profesjonali, cjoe', kif jghid il-Manzini: *"inettitudine e insufficienzna professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto":* Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll ghat non-osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta' hsara u dannu lil terzi, cioe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni, bhalma hi l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Taht dawn il-forom ta' kondotta kolpuza, sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibbilita' tibqa' essenzjali taht kull forma ta' kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa' dejjem in-nota saljenti f'kull forma ta' kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta' imprudenza, negligenza u imperizja, mentre hija prezunta fil-forma l-ohra fejn si tratta ta' reati minhabba non-osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-kazijiet mhux possibbli jew

ammess lill-agent li jressaq prova ghall-kuntrarju. Hija hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba n-nuqqas ta' oservanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif ighidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissostitwixxi dik ta' l-agent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali."

Fl-umli fehma tal-esponent, dawn il-kriterji gew sodisfatti f'dan il-kaz, in kwantu l-imputat appellat kien konsapevoli mir-riskji li kien hemm, naqas li jissorvelja x-xoghol bhal ma kien obbligat li jaghmel u ma ha l-ebda prekawzjoni mehtiega fil-mument li irravisa l-perikolu.

Illi fil-kawza ‘Il-Pulizija vs Tarcisio Fenech’, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Marzu 1998 gie deciz li:

> "Biex wiehed jifhem l-assenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cjoe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu ppregudikati. L-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bi1-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", filwaqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbi1iti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal-legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet, ecc.), izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti ppromulgati minn enti privati (per ezempju r-regolament

> infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika)".

L-esponent itenni li fic-cirkostanzi tal-kaz, kien jinkombi fuq 1-imputat appellat sabiex, jiehu dawn il-mizuri u prekawzjonijiet hawnhekk imsemmija bil-ghan li jevita li l-interessi tal-ohrajn jigu ppregudikati.

Principji simili gew imsemmija fil-kawza ‘il-Pulizija vs Richard Grech’ deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 t' April 1996. Hawnhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tenniet li:

> "Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-teat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti - konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew ta' hila ("imprezia"), fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolmenti - li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita', minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija, minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan, li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh, fl- istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. Biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L- esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cjoe', l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l- ohrajn jigu ppregudikati."

Fl-umli fehma tal-esponent hawnhekk kien hawn karenza ta' dik il-prudenza u diligenza mehtiega li kien jezercita perit iehor impoggi f'sitwazzjoni simili. Illi fl-ahharnett fil-kaz 'Il-Pulizija vs Joseph Busuttil, Ludovico Vella u Carrnelo Sive Charles Camilleri' deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Novembru 1992, dik il-Qorti tenniet li :

> "In-nuqqas ta' prekawzjoni ovvja ghal perikolu tant ovvju jindika li ghandha tigi applikata l-piena ta' prigunerija u mhux ta' multa"

L-esponenti jissottometti li mhux talli l-appellat ma kellux jigi liberat imma n-negligenza tieghu kienet tant grossolana li f'kaz ta' htija bhala piena ghandha tigi nflitta dik ta' prigunerija. Dan iwassal ghall-aggravju fil-konfront taz-zewg imputati appellati l-ohra ossija l-appellati Carmel Micallef u l-appellat Raymond Calleja.

2. Il-Qorti tal-Magistrati erogat piena mtaffija izzejjed fil-konfront tal-ko-imputati l-ohra Calleja u Micallef.

Illi hija l-opinjoni ta' l-esponenti li f'dan il-kaz il-Qorti tal-Magistrati erogat piena fil-konfront ta' l-imputati appellati Calleja u Micallef li hija mtaffija z-zejjed. Fil-fatt meta kkalibrat il-piena l-Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni certi cirkonstanzi. Il-Qorti qalet li *'considerando li f'dan l-incidenti sforz it-traskurngni taghhom mietet Rita Vella'* kellha tinfliggi multa ta' €4000.

Illi l-ewwel cirkostanza li n-nuqqas ta konsiderazzjoni taghha johrog b'mod lampanti, hija li f'dan il-kaz apparti it-telf tal-hajja ta' Rita Vella, kien hemm ukoll vittma ohra ta' dan l-incident. Fil-fatt l-appellati gew akkuzati u tressqu provi li Joseph Vella gie ferut b'mnod gravi.

Illi apparti l-vittmi kien hemm ukoll fond li prattikament safa nofsu imgarraf, cirkostanza ohra li giet skartata mill-Qorti.

Illi gie ippruvat ukoll li Carmel Micallef fis-sena 2010 gie misjub hati ta' omicidju nvolontarju ta' Joseph Pepe u ikkundannat multa. Dan il-fatt tant importanti gie ukoll injorat kompletament mill-Qorti.

Illi r-ragunijiet moghtija miz-zewg ko-imputati ta' l-agir taghhom kienu totalment egojistici.

Illi ghalhekk il-piena kienet wahda miti u minflokk kellha tinghata piena ta' prigunerija effettiva.

Rat l-aggravji tal-appellat Raymond Calleja u cioe':-

Illi jidher bic-car li l-appellant kien fil-post il-hazin fil-hin il-hazin.

L-appellant tqabbad mill-ko-imputat l-iehor Carmel Micallef maghruf ukoll bhala Raymond. Dan ta' l-ahhar kien ta l-istruzzjonijiet lil Calleja ta kif kellu jahdem u sa fejn kellu jasal. Fil-fatt Calleja tqabbad originarjament biex inaddaf is-sit sal-livell tat-triq. Dan ix-xoghol lestih malajr u kif lestih, Micallef qal lil Calleja biex ihaffer is-sit sa' 7 filati. Calleja jghid li hu kien qed izomm id-distanzi kif trid il-ligi pero' il-materjal li kien qed ihaffer ma kienx jippermetti billi kien materjal turbazz u beda jaqa u jitfarrak wahdu. Callejja kellu biss kuntatt ma' Micallef u fil-fatt Calleja ma kienx jaf min hu l-perit. Micallef ha r-responsabilita hu meta kien ta struzzjonijiet lil Calleja. Calleja anka irrifjuta imma Micallef heddu li mhux ser ihallsu jekk ma jaghmilx li jghidlu hu, ghax wara kollox, Micallef kien qed jaghti l-impressjoni li kellu 1-awtorizzazzjoni tal-Perit Azzopardi. Fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Magistrati ghamlet referenza diversi drabi li l-Perit u l-apellant kellhom xi kuntatt bejniethom u l-Perit kien informa lill-appellant bil-mood ta' kif kellu jsir ix-xoghol. Dan hu kollu zbaljat billi l-Perit ko-imputat kien xehed li lil Calleja ma kienx kellmu qatt u rah darba biss bla ma kellmu meta kien mar u ra li x-xoghol kien diga inbeda u kwazi tlesta. L-obbligu li jikkomunika mal-perit kien jinkombi fuq Carmel Micallef u mhux Raymond Calleja billi dan ta' l-ahhar kien qed isegwi biss l-istruzzjonijiet ta' Micallef li assuma r-responsabilita hu tax-xoghol. Fil-fatt il-perit kien qabbad lil Micallef biex dan jirrimedja ghax-xoghol u l-iskavar ezatt mal-hajt u mhux qabbad u tefa r-responsabilita fuq Calleja. Kien Micallef li kellu jirfed bil-konkos u hadid u mhux Calleja. Calleja anqas biss kien jaf il-permess tal-MEPA x'kien jghid fejn jidhol skavar. Calleja ma kellux l-obbligu li jara dan billi kien Micallef li kellu dan l-obbligu. Micallef kellu l-pjanta u idderiga lis-subcontractor appellant fix-xoghol li kellu jaghmel u kif kellu jaghmlu.

A fol 7, fl-ewwel paragrafu il-Qorti tal-Magistrati taghmel konfuzjoni f'min ta l-ordnijiet. Ghal darba, darbtejn tirreferi li Calleja kien qed jaghti ordnijiet u struzzjonjiet biex ma jhallix

iz-zewg piedi u nofs minn mal-hajt divizorju. Zgur li hawnhekk il-Qorti kellha tirreferi ghal Micallef u mhux Calleja inifsu u kwindi fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti qed taghmel zball fl-identita liema seta jwassalha biex issib htija f'Calleja.

Mix-xhieda tal-ko-imputat Micallef jirrizulta ex admissis li kien hu li qabbad lil Calleja u tah struzzjonijiet ta safejn kellu jhaffer u kif. Anki l-Perit Robert Musumeci jikkonferma li r-responsabilita hija tal-kuntrattur. Dwar il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti, din taghmel referenza ghall-fatt li Calleja u cioe' l-appellant jghid li kien jaf li l-Perit Azzopardi ried li jinzammu iz-zewg piedi u nofs. Dan ma jistghax ikun ghax kemm Calleja u kemm Azzopardi xehdu li qatt ma kelmu lil xulxin u Calleja u cioe' l-appellant kien sema lill-Perit jghid dan id-diskors meta kien tard wisq u liema diskors kien indirizzat lil Micallef u mhux lilu. Calleja ra l-perit biss lejliet l-incident u sar jaf li kellha tinzamm id-distanza wara li kien gia obda l-istruzzjonijiet ta' Micallef. Fil-fatt il-perit irrabja ma' Micallef u mhux ma' l-appellant. Li kieku Calleja min jheddu qabad u hammel bla ma zamm id-distanzi il-Qorti kien ikollha ragun issib htija fuqu imma fil-kaz odjern Calleja obda biss l-istruzzjonijiet wara li Micallef kien assikurah li kien jaf x'qed jaghmel u li l-Perit jaf.

2. Mill-provi irrizulta ukoll li kien hemm element ta' kontributorjeta, anki minima da' parti tal-vittma stess. Mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u cioe' l-qraba tal-vittma, rrizulta li kemm Micallef u kemm Calleja kienu ghamlu tentattiv biex johorgu lill-vittma u min kien hemm gewwa dak il-hin. Di piu', Micallef kien anki offra lil Vella biex imorru joqghodu f'lukanda bhala prekawzjoni. Vella irrifjutaw li jmorru joqghodu f'lukanda jiem qabel ma sehh l-incident. Illi dak il-hin li kkrollat il-binja taghhom, kemm Calleja u kemm Micallef ghamlu minn kollox biex johorguha 'l barra tant li kien bl-intervent taghom li salvaw il-hajja ta' Joseph Vella meta dawn imbuttawh biex johrog mil-post li kien qed jaqa. Bla ma jkun gustifikat xejn, li kieku Vella semghet mill-appellant u Micallef, kieku din il-kawza ma kienetx titratta dwar omicidju involontarju. Dan kollu l-Qorti naqset milli tikkunsidrah.

Rat l-aggravji tal-parti leza Carmen Pecorella, Joseph Vella, Paul Vella, Maria Victoria Spano’, Maria Teresa Menabue, Richard Vella u George Vella u cioe':-

1. Illi filwaqt li hemm serje ta' ragunijiet ghala l-kuntrattur Carmel Micallef u l-haddiem tal-gaffa Raymond Calleja kellhom jigu ddikjarati hatja tar-reati li bihom gew akkuzati, daqstant

iehor hemm ukoll ragunijiet bizzejjed sabiex il-Perit Philip Azzopardi jinstab hati tar-reati addebitati lilu. Dawn ir-ragunijiet huma:

Il-perit arkitett, bhal kull professjonista, ghandu l-obbligu tad-diligenza *tal-bonus paterfamilias:*

> "L-attivita' professjonali ma tgawdi ebda pozizzjoni specjali quddiem il-ligi penali, u l-professjonista, bhal kull cittadin iehor, ghandu l-obbligu strett li fil-kondotta professjonali tieghu huwa juza skrupolozament ir-rizorsi tieghu kollha skond ma tkun tirrikjedi s-sitwazzjoni."

Dan il-principju gie enuncjat fis-sentenza fil-kawza "Pulizija vs, Arkitett Louis Portelli"[1], li nghatat f'sede penali u ghandha applikazzjoni shiha anki fil-kamp civili. Ic-cirkostanzi estremi tal-kaz kienu jirrikjedu mill-Perit Phillip Azzopardi li, meta ra li l-kuntrattur ma kienx mexa skrupolozament mad-direttivi ii kien tah, ma jikkuntentax ruhu biss billi jghid lill-kuntrattur x'jista' jaghmel aktar.

Meta l-Perit Azzopardi ra li matul il-lejl ghamlet hafna xita u ma kienx sar irfid ghall-hitan divizorji billi lanqas kienet inzammet id-distanza ta' 2'6" kif il-periti taz-zewg nahat kienu qablu li jehtieg li jsir ghas-sigurezza tal-persuna u ghas-sodezza tal-bini, huwa kellu jassigura li l-imputat Micallef jirfed minnufih u bl-akbar urgenza l-bini li fih kienu qeghdin jabitaw membri tai-familja Vella.

Kieku ghamel hekk, it-tragedja ma kienitx issehh. Izda l-Perit ghazel li jmur ghall-habta tas-1.15 p.m. izda t-tragedja kienet sehhet diga. Il-Perit kien jaf illi l-kuntrattur kien naqas li jqieghed il-vireg tal-hadid u jitfa' l-konkos. Huwa kien jaf li fic-cirkostanzi estremi tal-kaz prezenti ma kienx bizzejjed li hu semplicement *jittama* li, minkejja x-xita li nizlet, il-bini minghajr irfid kien ser izomm wieqaf.

---

[1] Volum 45, Parti IV, pagna 870 (sentenza moghtija fl-4 ta' Frar 1961)

Il-Perit Charles Cassar kien ghamilha cara liema prekawzjonijiet kellhom jittiehdu, u l-Perit Azzopardi kien qabel fuq il-htiega ta' dawn il-prekawzjonijiet. Ma kienx bizzejjed, allura, li l-Perit Azzopardi jaghti struzzjonijiet u jieqaf hemm. Kellu jaqbad it-telefon u jiccekkja mal-kuntrattur jew mas-sid Lino Stafrace jekk kienx sar progress, u anki okkorrendo jmur fuq il-post biex jassigura li l-istruzzjonijiet tieghu kienu qeghdin jigu osservati.

Dan il-process ta' *double-checking* jew verifika ma jirrizultax li sar. Imbaghad, meta l-Perit Azzopardi sar jaf illi t-thaffir kien sar kollu ad insaputa tieghu u li i-iskavar kien sar f'hafna aktar fond milli suppost billi nizlu 7 filati minflok 3 filati, huwa kellu l-obbligu li ma jitlaqx minn taht ghajnejh is-sit fejn kien sar it-thaffir qabel ma jkun accerta ruhu li l-bini kien ghadu safe ghall-membri tal-familja Vella li kienu jabitaw fih, u jekk le, jevakwahom.

L-esponenti jistaqsu: Il-Perit Philip Azzopardi kien kuntent u jhoss li kien bizzejjed li semplicement jitkellem ma ' l-imputat l-iehor Carmel Micallef fuq il-konkos u l-vireg tal-hadid? Il-Perit Azzopardi daqshekk hass li seta' jaghmel, anki meta ghamlet hafna xita bil-lejl u s-sit sar perikolanti ghall-ahhar.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Perit Philip Azzopardi ma kellux jinheles mir-responsabbilta' penali, u dan fid-dawl tal-konkluzjoni tal-Perit Tekniku l-AIC Richard Aquilina illi:

" .... Sakemm sar dan it-thammil, it-turbazz kien qieghed jinghafas 'l isfel u mrazzan b'materjal iehor fil-genb, izda din is-sitwazzjoni nbidlet meta l-eskavazzjoni saret fis-sit numru 24, fejn tnehha materjal ta' circa erba' filati fond.

"Meta sar dan, ma kienx hemm materjal biex jilqa' l-forzi laterali u t-turbazz intefa' 'l barra, b'rizultat li l-hajt ta' fuqu kkollassa." (Folio 112).

Jekk il-perit inkarigat mix -xoghlijiet jinheles mir-responsabbilta penali f'dawn ic-cirkostanzi estremi, ma jkunx hemm bzonn aktar li l-periti arkitetti jerfghu r-responsabbilta legali biex jassiguraw li l-post fejn ikun qed isir ix-xoghol ma jiggarrafx u li ma jweggghux u, aghar minn hekk, ma jmutux in-nies,

2. Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-piena inflitta, li certament mhix il-piena skont il-ligi. Il-legislatur ried illi l-piena tkun sa ghaxar (10) snin prigunerija meta persuna titlef hajjitha u

persuna ohra ssofri griehi gravi. Fil-kaz prezenti, omm l-esponenti Rose Vella tilfet hajjitha u l-esponent Joseph Vella sofra griehi serji wara li gie wkoll mirdum u fortunatament inhareg haj minn taht id-debris. Il-piena ta' €4,000 inflitta fuq Carmel Micallef u fuq Raymond Calleja mhux biss mhix il-piena applikabbli ghall-kaz, izda wkoll hija piena irrizorja. L-esponenti, li sofrew it-telfa kbira ta' ommhom Rose Vella u ghal ftit ma tilfux ukoll lil huhom, l-esponent Joseph Vella, huma konvinti li l-piena inflitta hija tant baxxa u tant tizvaluta l-valur tal-hajja umana illi hija nsult. Ma saritx gustizzja ma ommhom. Jidher illi jew il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma ratx il-ligi qabel ma ffissat il-piena jew, jekk ratha, injoratha.

L-ewwel imputazzjoni tirreferi ghall-artikolu 328 (a) tal-Kodici Kriminali. Dan isemmi espressament l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, fejn hemm il-piena applikabbli ghal din ix-xorta ta' reat. L-artikolu 225(2) jipprovdi -

*"Meta min ikkommetta r-reat ikun ikkaguna l-mewt ta' izjed minn persuna wahda jew meta flimkien mal-mewt ta' persuna jkun ikkaguna wkoll offiza fuq il-persuna ta' xi persuna jew persuni ohra l-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija bejn hames sa ghaxar snin,"*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi f'dan il-kaz partikolari l-parte leza u cioe' Carmen Pecorella, Joseph Vella, Paul Vella, Maria Victoria Spano', Maria Teresa Menabue, Richard Vella u George Vella pprezentaw rikors ta' appell mis-sentenza fit-2 ta' Mejju, 2012. Dan sar wara li b'nota tal-24 ta' April, 2012 kienu talbu lill-Qorti tal-magistrati biex titrasmetti l-atti ta' din il-kawza lill-Avukat Generali. Illi dan l-appell sar a bazi tal-artikolu 410 tal-Kodici Kriminali. Jigi rilevat li l-artikolu rilevanti ghal dan il-kaz hu l-artikiolu 413(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu tal-ligi jiddikjara li l-kwerelant jinghata l-fakulta' li jappella f'dawk il-kazijiet imsemmija fl-artikolu 373 tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 373 tal-Kodici Kriminali jirrigwarda l-

ezercizzju tal-azzjoni kriminali bi kwerela tal-parti leza. F'dan il-kaz partikolari l-proceduri saru 'ex officio' u minhabba f'dan il-fatt ma kienx hemm il-htiega tal-kwerela tal-parti leza u ghalhekk l-artikolu 373 tal-Kodici Krimiali ma ghandu ebda rilevana f'dawn il-proceduri. Kienet korretta l-parte leza li pprezentaw in-nota tal-24 ta' April, 2012 izda dan biss setghu jaghmlu u mhux kif ghamlet il-parti leza li pprezentat rikors tal-appell awtonomu u separat minn dak tal-Avukat Generali. Hu car li f'dan il-kaz il-parti leza ma kellha ebda dritt ta' appell. Ghalhekk, din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni tal-appell tal-parti leza u konsegwentement tiddikjara tali appell null.

Illi t-tieni rikors tal-appell gie pprezentat mill-akkuzat Raymond Callejja fit-2 ta' Mejju, 2012.

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-appell ta' Raymond Calleja b'referenza ghall-ewwel aggravju tal-appellant din il-Qorti ma tistax taqbel mat-tezi proposta mill-appellant. Mill-atti tal-kawza jirrizulta car li hu kien gie mqabbad minn Carmel M icallef u ma kellhu ebda rapport mal-Perit Philip Azzopardi. Mix-xhieda ta' l-istess Raymond callejja jirrizulta li hu kien jaf bl-obbligu legali li hu kellu jzomm distanza ta' zewg piedi u nofs mill-hajt. Jirrizulta li hu ma zammx ma tali obbligu u baqa ghaddej ihammel sal-hajt tal-fond li eventwalment igarraf. Dan il-fatt jirrizulta car mix-xhieda tieghu misjuba a fol. 190 u 191 tal-atti processwali. Hu car li jekk l-appellant Raymond calleja kien jaf b'dan ma jistax jirraguna li jekk Micallef kien qallu li mhux ser ihallsu allura jibqa ghaddej qiesu xejn mhu xejn. L-obbligu ta' Raymond Calleja kien li jikkuntattja l-perit in karigat u se mai jiehu tali struzzjonijiet minghandu.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant Raymond Calleja hu li f'dan il-kaz partikolari jezisti wkoll element ta' kontributorjeta' min-naha tal-vittmi, dan ghaliex, kienu saru tentattivi sabiex johorgu lill-vittmi mill-fond u dawn baqghu mahargux. Din l-asserzzjoni hi gghal kollox gratwita. Ghandu jigi rilevat li kienet Carmen Pecorella li waqfet mix-xoghol lil Raymond Calleja u l-haga li hu ghamel hi limitata ghal fatt li hu cempel lil Carmel Micallef. Mhux hekk biss izda hu lanqas kien prezenti meta ggarraf il-bini u per konsegwenza ma ghamel xejn, la qabel wisq anqas wara. Din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn ittawwal izjed fuq dan it-tieni aggravvju li zgur ma jistax jirrizulta u wisq anqas irrizulta.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti l-aggravvji tal-appellant Raymond Calleja ma jistghux jigu milqugh u ghalhekk l-appell tieghu hu michud.

Illi jonqos li jigi ezaminat l-appell tal-Avukat Generali. Dan hu maqsum fi tnejn:
L-ewwel aggravju jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u irragonevoli tal-provi li tressqu quddiemha meta lliberat lill-Perit Philip Azzopardi.
It-tieni aggravju hu li l-ewwel Qorti erogat pieni mtaffija zzejjed fil-konfront tal-ko-imputati l-ohra Carmel Micallef u Raymond Calleja.

Dwar l-ewwel aggravju, l-Avukat Generali uza bhala bazi tal-aggravju tieghu bran mehud minn pagna mija u sittax (116) tal-atti processwali. F'dan il-bran insibu, dejjem fir-rikors tal-Avukat Generali, insibu l-kliem " ...l-materjal tat-tqattiegh...". Hu sejjes ir-rikors tieghu fuq il-fatt li l-kuntrattur ( l-appellat Carmelo Micallef) kien informa lill-perit lli hu kien ser inehhi dan il-materjal. Dan ifisser li l-kuntrattur kien informa lill-perit li hu kien beda x-xoghol ta'

skavar. Meta wiehed jaqra l-pagna u il-bran in kwistjoni jirrizulta li l-kelma misjuba fl-atti processwali hi l-kelma "...tat-twaqqiegh...". Din il-kelma tbiddel is-sens kollu tax-xhieda tal-appellat Perit Philip Azzopardi. (Din il-Qorti hi tal-fehma li dan kien zball da parti ta' min irrediga r-rikors tal-appell tal-Avukat Generali). Dan ifisser li l-Avukat Generali qed jistrieh fuq din il-kelma, naturalment fil-kuntest taghha biex isostni l-appell tieghu. L-appell tieghu hu bbazat fuq il-fatt li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tax-xhieda processwali. Fil-fehma ta' dain il-Qorti wara li qrat l-atti processwali kollha hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi li kellha quddiemha.

Illi jirrizulta fl-istess brana a fol. 116 tal-atti processwali li l-Perit Philip Azzopardi kien qal lill-kuntrattur biex izomm id-distanza skont il-ligi. Distanza li ma gietx rispettata. Mhux talli hekk izda l-Perit Philip Azzopardi kien qallu li meta "...jikklerja id-debris kollu li waqa' mill-bini..." jiltaqghu fuq il-post biex jaraw kif ser imexxu 'l quddiem ix-xoghol fuq il-pedamenti. Tant hu hekk li l-Perit Richard Aquilina, li hu l-espert imqabbad mill-Magistrat Inkwirenti, hu tal-fehma li la l-kuntrattur ma zammx mal-ordni tal-perit rigward id-distanza taz-zewg piedi u nofs, kellu jkun l-istess kuntrattur (Carmelo Micallef) li jinforma lill-perit bil-kwistjoni tal-pedamenti wara li hu hammel minghajr ma nforma lill-istess perit. L-ahhar konsiderazzjoni fuq dan il-punt hu li l-Perit Philip Azzopardi kien ordna lil Carmelo Micallef biex immedjatament jaghti l-konkos mal-hajt divizorju biex jigi evitat il-perikolu u Carmelo Micallef ghogbu ma jaghtix kaz dan l-ordni u jittama fil-provvidenza divina bil-konsegwenzi tragici li kulhadd jaf.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti kienet korretta fl-analizi u fl-apprezzament tax-xhieda misjuba fl-atti processwali u ghalhekk l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali fil-konfront tal-Perit Philip Azzopardi ma jistax jigi milqugh.

Illi t-tieni aggravju tal-Avukat Generali hu dwar l-entita' tal-piena erogata mill-ewwel Qorti. Fuq dan il-punt ftit hemm xi tghid. L-ewwel Qorti erogata l-piena fil-parametri tal-ligi vigenti dak iz-zmien. Fil-fatt, fis-sena 2002, jigifieri sentejn wara l-incident il-legislatur hass li kellu jemenda l-Kodici Kriminali in materja. Madankollu, skont il-principji mhaddna minn dawn il-Qorti l-piena erogata trid tkun kalibrata a bazi tal-ligi vigenti fil-gurnata tal-incident. L-ewwel Qorti erogata piena fil-parametri tal-ligi ta' dak iz-zmien u ghalhekk dan l-aggravju tal-Avukat Generali ma jistax jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghal ragunijiet hawn fuq imsemmija din il-Qorti tiddecidi billi:

Fl-ewwel lok, tichad l-appell tal-appellant Raymond Calleja (Appell numru 207/12) u tikkonferma s-sentenza appellata.

Fit-tieni lok, tiddikjara l-appell tal-parte civile bhala null u bla effett (Appell numru 214/12).

Fit-tielet lok, tichad l-appell tal-Avukat Generali (Appell numru 221/12).

Fir-raba' lok, tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fid-19 ta' April, 2012.